MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 871/2009

**Joseph Debono u Carmen Debono**

**-vs-**

**Dun Karm Gatt**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta’ Settembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond numru 294, Main Street, Zebbug, liema fond hija adjaċenti mal-proprjeta` tal-intimat numru 295/296, Main Street, Zebbug;

2. U billi l-fond tal-intimat f’dawn l-aħħar tletin sena ma kellha l-ebda twieqi li jagħtu għal fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti;

3. U billi riċentement u ċioe` fit-30 ta' Lulju, 2009 l-intimat, jew nies inkarigati minnu, fetaħ tieqa b'mod vjolenti, abbużiv u klandestin li tħares għal fuq il-bitħa tar-rikorrenti liema tieqa hija ndikata fuq ir-ritratt hawn anness u esebit bħala dokument "A";

4. U billi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti.

5. U billi minkejja diversi interpellanzi, inkluż b'ittra uffiċjali datat 27 t'Awissu 2009, l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqslant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-fatti suesposti jammontaw għal spoll kommess mill-intimat għad-dannu tar-rikorrenti;

2. Tikkundanna l-intimat sabiex fi żmien qasir li jiġi fissat minn dina l-Onorabbli Qorti jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u sħiħ oriġinali tal-proprjeta` tagħhom billi jingħalaq it-tieqa li nfetħet għal fuq il-proprjeta` tagħha u dana taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur minn dina l-Qorti jekk ikun il-każ;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimat jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji sabiex jiġu reintegrati fil-pussess oriġinali tagħhom u dana taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjeż, l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza wara li l-konvenut ippreżenta nota ta' ammissjoni.

**Għaldaqstant billi t-talba attriċi ġiet ammessa, il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi kollha, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar, u tinnomina lill-A.I.C. Alan Saliba biex jissorvelja x-xogħol; l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------